# Il-Kappelli ta' *L-Għanja tas-Seba' Niċeċ* ta' George Zammit

**Kitba ta' Ġorġ Peresso**

Il-kapulavur poetiku, il-poema "*L-Għanja tas-Seba' Niċeċ*" ta' George Zammit din is-sena tagħlaq sittin sena li nkitbet. Hi kapulavur ta' ħila ta' min jaf iħaddem il-vers (fiha Zammit juża kemm il-vers ta' ħdax, ta' tmienja u ta' ħamsa, u f'waqtiet juża wkoll ir-rima), kapulavur ta' ħsieb u metafori, kapulavur fl-użu tal-kelma, kapulavur ta' fidi, kapulavur tal-paessaġġ Malti u ta' kemm il-kelma ssir immaġini. Hi poeżija ta' l-ambjent. F'waqtiet l-ismijiet ta' lokalitajiet Maltin, imsemmija ħdejn xulxun, fil-ħoss biss joħolqu poeżija ta' l-immaġini.

Fiha l-poeta jimmaġina pellegrin li b'tewba għal dnubietu jżur seba' kapppelli, ħamsa f'Malta u tnejn f'Għawdex. Din l-idea tal-ħajja bħala vjaġġ insibuha fuq kollox fil-poemi ta' Omeru, kemm fl-Illijadi kif ukoll fl-Odissea, u tieħu xejra nisranija f'La Divina Commedia ta' Dante u f'Canterbury Tales ta' Chaucer li jibqgħu l-eżempji ewlenin.

Zammit hu midħla sew, kemm fil-proża u kemm fil-poezija (anki fid-disinji u l-pitturi) tal-paessaġġ Malti u Għawdxi miżgħud b'ħafna kappelli. Għalija George Zammit hu l-poeta tal-paessaġġ, tal-Kappelli Maltin. Biżżejjed wieħed jaqra poeżiji bħal San Ġużepp tat-Tarġa; Lill-Wied tal-Lunzjata, Għawdex; Ħdejn Knisja Mwarrba u Ħdejn ta' Loretu, Gudja, biex niġġustifika dan li qed ngħid.

F'L-Għanja tas-Seba' Niċeċ għandna l-paessaġġ Malti bil-kappelli li jservu aktar minn sempliċi kwadru visiv u sfond. Paessaġġ u kappelli huma r-ruħ tal-poema. Jekk irridu nieħdu l-kappelli bħala paessaġġ lokali irridu nqisuh ukoll bħala paessaġġ minn dinja terrena għal dinja spiritwali. Il-materjali, dak li jidher, li jiffigura dak li ma jidhirx. Il-Knisja tas-Sema.

## Il-Kappella tas-Samra

Il-poeta jgħaddi l-pellegrin (li hu l-poeta nnifsu) minn toroq fejn iserrep il-faqar u "fejn il-faqar/ tħossu jħares b'ħarsa liebta/ minn kull bieb u minn kull għatba", jittawwal u jitperreċ minn kull tieqa, u jwasslu f'għodwa tar-rebbiegħa f''misraħ Il-Ħamrun, quddiem il-Kappella tas-Samra ("Samra imma sabiħa"). Magħrufa wkoll ta' Antoċja, tħassir tal-kelma Antijokja, minħabba li hi kopja ta' Madonna, meqjuma fi Spanja u attribiwita lil San Luqa. Il-kappella nbniet, flok oħra ddedikata lil San Nikola, minn Isabella u Giuseppe Casauri fl-1630 bħala tifkira u ħajr lill-Marija Santissima talli meta Isabella kienet tarbija salvat meta d-dar fejn kienet toqgħod iġġarfet waqt attak ta' l-Assedju l-Kbir tal-1565 u t-tarbija Isabella ma ġralha xejn. Mal-knisja nbniet ukoll dar fejn għexu qishom patri u soru Isabella u Giuseppe. Huma ndifnu fil-Knisja u rħama turi il-lok tal-

qabar tagħhom. Dan kollu hu mniżżel fl-atti tal-vista li għamel l-Isqof Alpheran 1736.

George Zammit jirrakonta dan kollu u jdaħħal lill-pellegrin b'rasu baxxuta f'dan il-maqdes fejn jitlob lil Marija x'kellu jagħmel biex jikseb il-maħfra ta' dnubietu. U leħen Marija jwieġbu:

… "Daqsa kemm huma
Tad-dnubiet l-irjus misħuta
Daqstant ieħor trid iżżur…"

In-numru seba' fil-poema jieħu aspett Bibbliku u dottrinali. U direzjonali; u għalhekk ukoll numru perfett.

Il-pellegrin jibda jterraq "imħażżem bil-libsa tat-tewba/ u l-ħatar…" u Zammit jgħaddih minn inħawi magħrufa sew minnu: minn niżla tal-Bajjada, għan-niċeċ ta' l-Erba' Qaddisin, bejn il-Ħamrun u Ħal Qormi, iqarrbu lejn il-Knisja ta' San Bastjan, dik tal-Vitorja u wara li jħalli Ħal Qormi, bil-Knisja sabiħa tal-Gafà ddedikata lill-Qaddis tal-Kavallieri (San Ġorġ) warajħ, jibda' t-triq lejn Ħaż-Żebbuġ, jgħaddi minn fejn Kappella ddedikata lill-Kunċizzjoni, għaż-żjara ta' l-ewwel kappella, magħrufa bħala Tal-Ħlas. F'din il-Knisja ħafna ommijiet kienu, u għadhom, jieħdu lit-tarbij tagħhom biex jippreżentawha lill-Madonna wara l-ħlas. Hekk għamlu l-ġenituri tal-poeta meta kien għadu tarbija.

## Il-Madonna tal-Ħlas

Il-knisja oriġinali tmur lura għall-1550 u nqerdet b'terremot fl-1693. Fiż-żmien il-Kavallieri kienet fit-triq ewlenija li mill-Birgu u l-Belt kienet twassal għall-Imdina. Gafa, li dak iż-żmien kien qed jibni kemm il-Katidral u kemm il-Knisja ta' San Ġorġ, għamel wegħda li jirranga minn butu din il-knisja li hi ġojjel ta' arkitettura mifrxua f'dik il-kampanja, darba aktar siekta mil-lum. Mal-Knisja hemm loġoġ u mwejjed u bankijeit biex jistirieħu l-pellegrini u fil-qrib għad hemm id-dar mibnija mil-Kavallier Mongadoin għall-qassis li jieħu ħsiebha. Fil-knisja hemm post fejn il-pellegrini kienu jħallu xi ħaġa tal-flus għad-dawl jixgħel quddiem il-Madonna. U fis-sagrsitija hemm inkwatri tal-wegħda, (*ex voto),* "frott aktar tat-twemmin milli tas-sengħa".

Wieħed jista' jara wkoll l-arma tal-Papa Klement XI li għana din il-kappella b'ħafna benefiċji.

Imbagħad il-pellegrin jaqbad it-triq li tilwi minn maġemb l-arkata ta' Bieb Rohan u tieħu lejn l-Imdina. U dlonk iħalli warajh l-irħula antiki ta' Ħaż-Żebbuġ, Ħal Dwin, u Mula u Muxi u fuq il-lemin ra n-Naxxar u Ħal Għargħur "u l-ħarrub ta' Wied l-Iklin/ il-witat ta' Wied is-Sewda/ Ħal Balzan, u Sant'Anton/ U Ħ'Attard u l-Knisja l-Ħamra" (Ħal-Lija). Il-poeta jsejħilha "L-isbaħ ġawhra tal-pjanura". Jara wkoll il-meddiet ta' Birkirkara. U jirrifletti kemm fuq il-Knisja l-Qadima, bis-saqaf "ħiemed" imġarraf u l-kampnar mislut "bħal xewka" (għax dak iż-żmien dak il-kapulavur kien mitluq, veru "għajb dejjiemi"), u kemm fuq il-Knisja l-Ġdida ta' Sant'Elena bil-qniepen tagħha jidwu b'leħen "kbir u għani."

Dwar il-maqdes ħiemed ta' Santa Marija, George Zammit li kien jaf japrezza l-kultura jikteb hekk, b'ton malenkoinku:

> "Waħdu, waħdu qisu għassa
> Tal-ġmiel safi ta' l-imgħoddi."

U jkompli jterraq lejn it-tieni niċċa. Imma mhux qabel ma jitkellem dwar "il-ħelwa Mdina" imsejħa wkoll minnu "Belt is-Slaten, Belt il-Qawwa/ Belt il-Ħemda." Jitla' t-telgħa wieqfa tas-Saqqaja, jaqsam ir-Rabat, minn ħdejn Santu Wistin għal Ta' Ġieżu u jsib ruħu fil-misraħ ta' quddiem il-Grotta ta' San Pawl. Jilwi għal San Katald u kif jasal fil-ħâra ta' Ħal Bajjada jagħtina deskrizzjoni tal-ħajja fqajra fejn l-għajjat tal-bejjiegħa jsir qisu għana. U jddiskrivi toroq dojoq, fejn it-tfal jilagħabu, xi niċċa mixgħula u ħoġor it-twieqi mżejnin b'xi xitla tas-sardinell jew qronfol, sinjal li hemm "ġawhra" għaż-żwieġ. Deskrizjonijiet bħal dawn jagħmlu l-poema ta' Zammit mhux biss pellegrinaġġ devot imma wkoll pellegrinaġġ tal-memorja.

## Il-Kappella tal-Katakombi ta' Sant'Agata

Wara li jħalli l-Katakombi ta' San Pawl, il-pellegrin isib ruħu f'misraħ u knisja żgħira u jinżel "it-taraġ niedi taħt il-knisja…lejn l-għerien fejn għammret ħienja/ b'għod mill-qerq ta' niesha w artha,/ Agta xbejba, mistoħbija/ mis-Sultan mitluf fil-qilla."

Fil-Kripta jilmaħ "xbihat imqaddsa/ tal-Bambin f'ħoġor Marija/ San Anard bil-ktajjen f'idu/ id-dragun u Margerita;/ ta San Blas, meqjum mill-qedem/ Ġo din artna." Dawn kollha qaddisin li kellhom rabta sħiħa mad-devozjoni tal-Maltin: San Anard, patrun ta' l-ilsira; Santa Margerita, aktarx ta' Antijokja, li lejha fil-Mediterran kien hawn devozzjoni kbira, l-aktar minn nisa waqt it-tqala u waqt il-ħlas. Id-dragun ħdejn saqajha huwa simbolu tar-rebħ tagħha fuq id-dimonju. Hija l-istess patruna ta' Santa Margerita Ligure fil-Ligurja u fis-Sannat, Għawdex u ta' Santa Margerita tal-Mosta. Santa Margerita kienet waħda mill-qaddisin li dehru lil Govanna d'Arc. San Blas, qaddis tal-Lvant li juri r-rabta tal-gżejjer Maltin mas-saltna ta' Biżanzju, hu l-qaddis patrun fost l-oħrajn kontra l-mard tal-griezem li qabel kien kawża ta' mwiet tat-trabi. Isemmi wkoll qaddisa oħra li ġiet minn Marsilja. Aktarx li hija Santa Venera, li jingħad li fir-Rabat hemm Katakombi msemmi għaliha imma ħadd ma jaf eżattament fejn huwa.

Dawn huma pitturi tas-seklu ħmistax. Hemm tlieta li huma żgur tas-seklu tnax, wieħed minnhom huwa ta' Sant'Agata, qaddisa tas-seklu tlieta fi żmien Trajanus Decius li ġiet Malta għal xi zmien flimkien ma' sħabha minn Sqallija. Mietet martri f'art twelidha fil-5 ta' Frar 251. Qabel fil-kripta kien hemm ħafna artali imma issa hemm biss tnejn. Monsinjur Buenos, isqof ta' Malta fis-seklu sbatax, irregala statwa sabiħa ta' l-alabastru ta' din il-qaddisa waqt il-martirju. Issa tinsab fil-Mużew li jieħu ħsiebu bl-akbar kura Fr. Victor Camilleri. Flok l-istatwa originali hemm replika magħmula mill-iskultur Rabti, Anton Agius. Hemm ukoll affresk tal-Madonna, aktarx tas-seklu tnax.

Il-pellegrin/poeta jkompli jdur il-katakombi b'xemgħa f'idu. U ra l-oqbra, u l-mejda ta' l-Agape u bħal donnu madwar din il-mejda huwa ra l-erwieħ it-twajba li maż-żjara tiegħu bħal jinfixlu u "jaħarbu d-dija, qishom stmerru 'l min serħanhom/ ġie serqilhom, wara l-medda ta' mijiet ta' snin mudlama." Iqigħed xemgħa fuq l-artal ta' Sant'Agata. U jiftakar il-ġrajja ta' meta dehret lil Soru Benedettina waqt li Sinam Paxà fl-1551 kien qed jattakka lill-Imdina mir-Rabat u talbitha tgħid lill-Isqof beix joħroġ il-vara tagħha fuq is-swar u hija kellha ġġibilhom ir-rebħ. U hekk kien. Kien hemm drawwa li ssir purċissjoni kull nhar il-festa ta' Sant'Agata, mill-Katidral sal-Kripta.

Minn hemm, il-Pellegrin ta' George Zammit, li jirrappreżenta lilu nnifsu, joħrog biex imur għat-tielet Niċċa. Wara li l-pellegrin iħalli l-katakombi ta' Sant'Agata, minn triq fuq San Katald jiġbed għan-niżla ta' l-Għeriexem, jerġa' jsib ruħu is-Saqqajja ħdejn il-Villa Rumana, jinżel mill-mina li tagħti għat-Trunċiera u għall-bieb il-Griegi fejn hemm l-immaġini ta' San Pawl u "niċċa bajda tal-Madonna/ b'lampa tnemnem/ u madwarha ward tax-xagħri…" Idur lejn il-xellug, jaqbad in-niżla u jmur għall-Buqana u għall-Qattara u hekk jilħaq Wied il-Qliegħa. U joqrob lejn it-Tielet Niċċa tiegħu, "Lejn il-Għar ta' l-Isperanza". Tul din il-mixja minn post għal ieħor, sempliċiment billi jsemmi l-post, l-aktar l-aktar b'xi pinzellata t'aġġettiv, George Zammit imexxik mal-pellegrin tiegħu (hu nnifsu). Int ukoll issir il-pellegrin.

## It-Tielet Niċċa: Il-Madonna ta' l-Isperanza

Din il-kappella tinsab tagħti għall-Wied ta' l-Isperanza, u għalhekk George Zammit b'ħila ta' mgħallem, bil-vrus mgħaġġla ta' ħamsa, joħloq effett ta' ilma għaddej qawwi u jgerbeb kollox. Dan l-effett joħroġ kemm mill-allitterazzjoni konsonontali u kemm vokali. Ixebbaħ b'metafora milquta lill-bniedem ma' "ċagħka maħkuma/ f'għama bla rieda fl-eqqel tax-xitwa." It-tqegħid flimkien ta' nomi u xbihat għal kollox differenti, b'effett kważi ta' antiteżi u antonimija, ("Il-mewt u l-baħar/ ir-ruħ u ċ-ċagħka"; "bejn dlam u dija",) ikomplu jżidu d-dehra mqanqla tal-Wied sakemm iwassal lill-pellegrin fl-Għar tat-Tfajla Mostija li satarha "mill-qilla għatxana/ t'Ulied il-Mislem."

Imbagħad jibdel ir-ritmu. Minn ta' ħamsa jaqleb b'effett, kważi ta' modulazzjoni u moviment sinfoniku, għal dak ta' tmienja biex iġib quddiemna kemm l-Għar u kemm il-Kappella:

> "F'nofs ta' rampa tielgħa wieqfa
> Mal-lemin ta' pont tal-ġebel
> rajt il-Għar ta' taħt il-Knisja."

Waqt li jitlob, jerġa' jara quddiemu l-ġrajja, il-leġġenda, tieħu l-ħajja. Jara lit-tfajla maħruba tistaħba f'dak l-għar miksi xuxa ta' tursin selvaġġ u xniexel ta' kappar, waqt li brimba tinseġ bħal għata fil-fetħa ta' l-għar għal dik ix-xbejba li skond il-leġġenda, fl-1760, waqt li kienet fir-raba' mal-familja, kienet se taqa' lsira tal-Misilmin li kienu fil-qrib ta' Bur Marrad. L-imsejknin ħarbu lejn il-Mosta, imma waħda minnhom, xebba ta' xi għoxrin sena, ma felħitx tlaħħaq magħhom u staħbiet f'għar u wegħdet lill-Madonna li tibnilha kappella fuqu

jekk teħlisha. Kif fil-fatt sar għax il-furbani għaddew minn hemm iżda billi hija kienet mistura sew kemm mix-xtieli u kemm mill-brimba li kienet tagħlaq id-daħla tal-għar, il-Misilmin ħasbu li ma kien daħal ħadd fih u baqgħu għaddejin.

Skond l-istoriċi George Cassar u Joseph G.M. Borg, din il-kappella hija l-isbaħ u l-egħżeż knisja għall-Mostin wara dik parrokjali. Skond l-istoriku Ciantar, l-għar ta' taħtha huwa dak tal-Visitazzjoni u Monsinjur Dusina ħalla miktub li kien ikkonsagrat minn seba' isqfijiet. Il-kappella fil-fatt inbniet bi ġbir li beda fl-1757 u baqa' sejjer għal ħames snin. Fil-faċċata hemm żewġ armi, waħda bl-Isem ta' Marija u l-oħra ta' l-Isqof ta' Malta, Fra Bartolomeo Rull li fi żmienu nbniet dil-knisja. Il-knisja hi ta' stil barokk, minn ġewwa f'forma ottogonali, u fiha hemm pittura ta' Rokku Buhagiar. Issir festa f'ġieħ il-Madonna fit-tielet Ħadd ta' Novembru.

## Ir-Raba' Niċċa: L-Għar ta' San Kurrad.

Inkomplu nterrqu mal-Pellegrin. Nibqgħu il-Mosta. Ninżlu għal Wied il-Għasel. Jasal hemm meta "… fuq il-ħemda jidwu t-tokki/ minn fuq l-għoli tal-kampnari: nofs in-nhar." Donnok qed tisma' int ukoll it-tokki b'tislima lill-Madonna. George Zammit isejjaħ dan il-Wied " … Wied il-faraġ, wied il-għana tal-ħolqien." Id-deskrizzjonui li jagħti tal-wied m'hix biss waħda viżwali, bil-blanzun tal-ħawħ u l-lewż, u s-sema nir, u l-griz tal-blat u l-aħdar skur tal-ħarrub, imma wkoll sonora bit-tpespis tal-merill.

Hemm, imkenna fil-blat , tinsab il-kappella ta' San Pawl Eremtia, li iżda il-poeta jorbotha ma' San Korradu (jew Sirrew, imma jżid "ismek bilkemm nafuh") li kien jgħix f'dawk l-inħawi iżda n-nies tal-post ma semgħux minnu, saħasnitra ħaġġruh, u huwa telaq lejn il-Qala t'Għawdex. Verżjoni oħra tgħid li mar fuq il-mewġ lejn Noto, Sqallija. Mar fejn mar, hu ħalla warajh bastun li kien iwarrad nhar il-festa ta' San Pawl l-Eremita (15 ta'Jannar).

San Pawl l-Eremita kien eremit dixxiplu ta' San Anton Abbati u għex fid-deżert u miet meta kien għalaq il-mitt sena u fuqhom sew. Il-ħajja tiegħu nkitbet minn San Ġilormu. Skond Franġisk Abela fil-kappella oriġinali li kien żar Dusina kien hemm ukoll pittura ta' San Anton Abbati. Abela jkompli jgħid f'dan il-għar għexu ħafna 'servi t'Alla' f'ħajja eremitika.

Fil-fatt il-kappella ta' San Pawl l-Eremtia hija kumpless ta' żewġ kappelli, waħda appuntu ddedikata lil San Pawl Eremita u l-oħra lill-Madonna. Dan l-imkien kien imfittex ħafna anki mill-istess Gran Mastri, b'mod partikualri il-Gran Mastru Pinto. Xi mapep antiki jniżżluha qrib il-Mosta.

Zammit b'sengħa ta' poeta mħarreġ, b'għażla ta' ritmi differenti, alliterazzjonijiet, tixbiħat, joħloq dinja li hi tassew lil hinn minn din id-dinja. Kull vers joħloq atmsofera ta' talb u skiet, miksura biss mill-ħoss ta' l-ilma jqattar "qatra wara qatra", fil-ħwat li minnhom xorob il-Ħareb. Dan l-ilma tant kien safi li l-Kavallieri kienu jġorruh fil-btieti. Il-poeta imma wkoll jilmenta li ħofor ta' ammunizzjoni mill-Inglizi ħassru dawk in-naħiet "b'għan qerried". X'kien jgħid kieku din il-poema inkitbet illum u mhux fl-1947!

## Lejn il-Ħames Niċċa

Il-Pellegrin, wara li jistrieħ fuq ġebla ħdejn l-għar, ikompli jterraq, jagħti ħarsa lejn l-Imdina , "bil-Kattidral, u s-swar tittawal griża/ u mitfija bħal ħolma", u jaqbad it-triq lejn Bur Marrad. Jilmaħ il-kappella iddedikata lil Santa Katarina, imsejħa ta' Wied il-Għasel, imwaqqfa minn Marino Mangion fl-1608 u li f'xi atti notarili nsibuha mniżżla bħala li tinsab '*in contrada ta Hal Pissa sive Wied il-Għasel.'* Dan ir-raħal żgħir, jagħmel mal-Mosta, żgur li kien għadu abitat sal-bidu tas-seklu sbatax kif jidher minn dħul ta' magħmudija minn dawn in-naħiet, iżda Ġan Franġisk Abela jgħid li aktar ma għadda ż-żmien tul is-seklu sbatax dan ir-raħal ma baqa' xejn minnu ħlief ismu.

Hawn il-poeta jinseġ tifħir lejn dawn il-kappelli mxerrda mal-kampanja Maltija fejn missirijietna kienu jsibu fejn jitimgħu r-ruħ u l-ġisem. Kappella oħra li jilmaħ hija dik ta' Santa Margerita ta' Għajn Riħana qrib Wied il-Għasel. Il-prokuratru tagħha kien iqassam l-ikel nhar il-festa tagħha. Din id-drawwa nsibuha mniżżla fl-atti tal-benefikati ta' ħafna kappelli, daqqa jqassmu ħobż, daqqa frott u daqqa nbid.

George Zammit itemm din id-desikrizzjoni taż-żewġ kappelli b'ilment dwar kemm il-Maltin qed jinsew l-imgħoddi u kważi jistħu minnu. Meta Zammit kiteb din il-poema, ftit wara l-gwerra, kien hawn bixra, kif wieħed jistenna, li l-Maltin issiru aktar moderni, aktar Ingliżi. Iżda m'hemmx leħen Ġeremija li jdejjqek fit-twiddiba tiegħu. Leħnu jieħu ton ta' l-imgħoddi u b'nitfa filosofija, imwieżna b'metafora sabiħa tal-gawwi "li minn baħar qalil jislet għajxienu" u b'dana kollu hu aktar għani mill-bniedem, itemm dik ir-riflessjoni f'waqtha.

U "Bin-newba tad-dmugħ fuq għajnejja,/ bin-newba ta' l-għana ġo qalbi" jasal Bur Marrad. Jara Wied Qarrotta, mistriħ fix-xemx. U f'nofsu, ċatta ċatta "… il-Ħotba tal-Qala/ bejn Ġebel Azara u l-Wardija."

Jiskorri il-Knisja tal-Milqgħi, iddedikata lil San Pawl, fejn skond it-tradizzjoni, il-Maltin laqgħu lil San Pawl wara l-għarqa. Fil-qrib hemm Għajn Rażul (l-Appostlu). It-tradizzjoni tgħid li kien fetaħha San Pawl. Fi żmien li George Zammit kiteb dawn il-versi, l-għajn ġa kienet imniġġża minħabba l-bini fil-qrib.

Ħalla x-Xemxija u, "titbaskat fil-bewsa/ tax-xemx tar-rebbiegħa" jara l-Pwales, "bis-swieni ireddnu fil-ħdura daħkana". Bħas-soltu, ftit pinzellati, u l-paessaġġ hu mimli u ħaj quddiemna! Idur lejn Għajn Żnuber, jaqsam il-ħotbiet t'Għajn Tuffieħa u l-Wied tal-Miżieb, jgħaddi minn qalb siġar xjuħ tal-ħarrub ("ja siġra ta' ġensna, ħarruba ħanina" bħal donnu jqima, niċċa oħra tal-qedem), u jasal il-Mellieħa biex iżur il-ħames kappella, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, "l-eqdem artal ta' ġensna."

Il-pellegrin jasal il-Mellieħa, raħal għal qalb ħafna ta' George Zammit. Hemm se jagħmel il-ħames żjara tiegħu minn kappella għal oħra. Minn Misraħ il-Knisja, jinżel minn taraġ għas-Santwarju. U mall-ewwel għajnejh, minkejja li hu għajjien, jaqgħu fuq kitba ma' l-ark illi jifred il-bitħa tal-Maqdes mir-raħal.

“Fik temgħu… Fik, missirijietna, u Int smajthom.”

Il-bitħa tas-Santwarju għandha l-istess fasla ta’ btieħi oħra ħdejn u quddiem santwarji u kappelli li jżuruhom il-pellegrini: loġoġ, siġar, bankijiet u kmamar fejn jistrieħu l-pellegrini. Imma x-xewqa tal-pellegrin hija li minnufih jistrieħ quddiem “l-eqdem artal ta’ Gżiritina.”

Hemm ġew l-atmosfera tinbidel. Anki d-daqq u r-ritmu tal-vers (in-novenarju, tad-disgħa bil-fard) jinbidel. Bir-ritmu jaqa’ fuq it-tieni u fuq il-ħames u jistriħ b’saħħa fuq it-tmien wieħed, il-poeta joħloq effett ta’ mixi mgħaġġel tal-ħerqa imbagħad mistriħ hekk kif jinżel għarkubbtejh. U donnok tisma’ nifsu jintelaq mid-disgħa sillaba mhux aċċentata. Aktar u aktar meta r-ritmu hu megħjun minn allitterazzjonijiet, konsonanti mtennija ħdejn xulxin u rimi fl-istess vers li jdoqqu sabiħ.

“Fil-ħemda mniddija, dellija,
Mixħut għarkobbtejja, b’minkbejja
Fuq l-iebes imreżżaħ ta’ rħama…”

Il-poeta/pellegrin mall-ewwel imbagħad jgħollilna l-ħarsa u l-ħsieb tagħna lejn il-bidu leġġendarju ta’ dik “il-ħofra” mibdula mill-Isqfijiet (Ir-Rgħajja) f’post ta’ qima “ewlieni ta’ ġensna.” Fis-saqaf appuntu hemm impinġija x-xbihat ta’ seba’ Isqfijiet li skond it-tradizzjoni żaru dan l-għar fi triqthom lejn il-Konċilju ta’ Milevo, qrib Kartaġni, fis-sena 416. Hemm ukoll seba’ slaleb tal-konsagrazzjoni. Kienu ta’ lewn aħmar iżda inksew bid-deheb fis-sena 1620. It-tpinġija tas-saqaf saret minn Salvatore Bonnici u ħallas għaliha Mario de Vasis min Sirakuża li ħadem ħafna biex ikabbar u jsebbaħ il-Knisja. Fil-fatt hemm rabta bejn din il-grotta/santwarju u għadd ta’ grotti mibdula f’qima fi Sqallija. Din Tal-Mellieħa hija waħda, ċertament l-aktar magħrufa u maħbuba, minn għadd ta’ kappelli mħaffra fil-blat fil-gżejjer Maltin. L-immaġini tal-Madonna, dejjem skond it-tradizzjoni, hija attribwita lil San Luqa, msejjaħ minn George Zammit “l-imqaddes kittieb” billi hu kiteb wieħed mill-Vanġeli u L-Atti ta’ l-Appostli. Imma l-istoriku u studjujż ta’ l-arti, Mario Buhagiar hu tal-fehma li l-immaġini bi stil biżantin hi simili bħal immaġini oħra fin-naħa t’isfel ta’ Sqallija u hi aktarx tas-seklu tnax jew bidu tlettax.

Għadd ta’ slaten żaru dan is-santwarju, fosthom ir-re Ferdinandu IV (1373), u r-re Alfonsu (1432). Għalhekk il-poeta jgħid li rabat fehmtu mal-fehma tas-Slaten. Il-poeta jtenni leġġenda oħra li trid li din il-grotta għandha rabta ma’ San Pawl u minn hemm leħnu kien “jifred il-baħar/ ta’ bejn iż-żewġ gżejjer, u tefa’/ s-sisien tat-twemmin”.

Qabel jitlaq mis-santwarju, il-pellegrin iħalli “xrara ta’ mħabba, biex tixgħel dejjiema/ flimkien mal-lampier ta’ Perellos.” Il-Gran Mastru Perellos kien mar iżur il-Madonna wara marda li qarrbitu lejn il-mewt u li minnha ħareġ imfejjaq. B’ħajr huwa ħallielha, fost affarijiet oħra, lampier tal-fidda. Fil-fatt il-Kavallieri, bil-Gran Mastri b’kollox, kellhom devozzjoni lejn dan is-Santwarju. Alof de Wignacourt kien jitla’ jżuru kull nhar ta’ Sibt. F’mappa tas-sena 1686,

mitbugħa minn Gio. Giacomo de Rossi, hemm imniżżla 'Mezza strada della Valletta alla Madonna della Melleha,' imħarsa wkoll minn xi torrijiet.

L-immaġini qaddisa tal-Madonna kienet ikurunata minn Mons, Pietru Pace fl-24 ta' Settembru, 1899.

## Lejn Għawdex

Il-pellegrin iħalli s-santwarju u jitfa' ħarstu lejn skultura ta' ruħ imnaqqxa fil-ġebel qalb vampa nar, tistenna t-talb tal-fidili. Skulturi bħal dawn, l-aktar qrib ċimiterji, qabel kienu mxerrda ħafna. U jħejji biex jaqsam lejn Għawdex, " 'l hinn, jirt'għod/ fir-raġġi roża tas-smewwiet", għax issa l-jum wasal biex jintemm, waqt li jara l-għoljiet tal-Qala u n-Nadur. Jinżel lejn l-Għadira u jgħaġġel lejn it-Telgħa tal-Qammieħ u tant hu mgħaġġel qabel jidlam li ma jiqafx jitpaxxa bis-sbuħija tal-madwar jew jissaħħar "bl-għanja tal-qasab" u "t-tiżwiq ta' ilwien." Ma' sajjied jaqsam il-Fliegu, u huwa u jammira mill-bogħod il-paessaġġ Għawdxi, imbiegħda ħdejn il-Wied ta' Marsalfron jara l-istatwa ta' Kristu fuq l-għolja li kienu jaħsbu li kienet vulkan ifawwar in-nirien. Jissaħħar bis-swar taċ-Ċittadella "fejn darba niesa raddew qima/ 'l allat qarrieqa." U hekk jasal Santa Sabina. Fuq il-lemin għandu l-għolja tal-Gelmus, imsejħa minnu "ġawhra ta' l-għoljiet' u ġa mfakkra f'poeżija mill-isbaħ tiegħu stess. U jilmaħ l-Għolja tal-Ġurdan. U l-poeta ta' l-ambejnt ma jistax ma jinfexx fi ftit versi mill-isbaħ dwar il-ġmiel ta' dawk l-inħawi li jfakkruh fi tfulitu - "fejn darba qtajt il-ward/ tal-ferħ u tat-tfulija…"

## Is-Sitt Niċċa: Il-Knisja Ta' Pinu

F'salib it-toroq idur għall-lemin u jara "tielgħa, bajdanija, fuq sema mħeġġeġ, lil Ta' Pinu." Il-qniepen bdew isellmu lill-Madonna għall-Ave Marija. Jidħol fil-Maqdes fejn Karmena Grima semgħet il-leħen ta' Marija. U minn hemm ħareġ gelgul ta' grazzji kif jixhdu l-għotjiet tal-fidili.

Hawn tinħass it-telqa tal-pellegrin li kien ilu l-jum jkollu jterraq, moħħu biss fit-tewba u fil-mistrieħ, imma n-nisġa tal-kliem għadha dinjituża fil-vers ta' ħdax.

Issa b'qalb mistrieha, waqt li dalam sew, imfarraġ mix-Xbejba tas-Smewwiet, jitlaq ferħan taħt qamar felli, lejn it-toroq imwarrba li se jwassluh qrib l-aħħar niċċa.

## Is-Seba' NIċċa: San Dimitri

"Fid-dawl imċajpar/ ta' bejn il-jum u l-lejl…" jasal quddiem il-Knisja, mibnija flok il-qadima li ġġarfet fil-baħar, jiskorriha u ħdejn il-baħar misterjuż titqanqal fih il-leġġenda tal-mara li tablet lil San Dimitri biex iġibilha 'l binha "… ħa nixgħellek qasba żejt." U San Dimitri sema' t-talba t-tagħha u ġabilha lil binha riekeb miegħu fuq iż-żiemel. (San Dimitri twieled f'Tessaloniki fir-raba seklu,

aktarx kien suldat fl-armata rumana u bata l-martirju fi zmien Dioklezjanu jew Galerju. Fil-Lvant hu meqjum daqs San Ġorġ u ħafna ikoni jippreżentawh liebes ta' kavallier fuq żiemel. Il-qima ta' qaddis mil-Lvant fil-gżejjer Maltin hija xhieda tar-rabta li Malta kellha ma' l-Imperu ta' Biżantium u ma' rħieb mil-Lvant.)

Fir-riflesjonijiet li l-poeta pellegrin jagħmel dwar l-aħħar żjara tiegħu, kliemu jieħu sura misterjuża, bejn poeżija krepuskulari u surrealista. Għandna poeżija dwar il-baħar li fi żmien li kitibha George Zammit kienet rari ħafna. Jieħu spunt mill-leġġenda fejn jingħadd li s-sajjieda u l- bugħaddasa għadhom jaraw fil-knisja mġarrfa fil-baħar il-qasba żejt li offriet l-armla għadha mimlija dawl. ("… iżda l-qasba/ ta' l-armla msejkna, għadha qatt ma ntfiet.)

Il-poeta pellegrin jitħallat mal-baħar. Fil-ġuf tal-baħar isir ħlejqa stramba bħal ma jħossu stramb kull min jiġi wiċċ'imbwiċċ ma' misteru. It-talba li bidet tul dan il-vjaġġ fil-Knisja tas-Samra, f'jum "b'sema mżejjen/ bl-isbaħ ikħal ta' gżiritna", fi knisja f'qiegħ ta' baħar, fid-dlam fejn it-twemmin biex jiftiehem jew milqugħ, isir misteru u l-misteru leġġenda. Hemm f'qiegħ il-baħar jitlob il-poeta mad-dawl tal-qamar rifless fuq il-mewġ u l-lampa ta' l-armla.

## Għeluq

George Zammit itemm din il-poema b'ħames strofi endikasillabi, bit-tieni u r-raba' vers jirrimaw. Issa l-vers ta' ħdax jieħu t-ton eleġijaku ta' innu antik. Fil-fatt hu innu lid-dawl li ma jintemmx. Il-fidi. Xhieda li din il-poema nkitbet biex il-poeta jsaħħaħ il-fidi tiegħu. U paradossalment leġġendi flimkien ma' veritajiet isaħħulu twemminu. Il-pellegrin dubjuż u niedem ma fittixx provi f'Katidrali u katedri imma f'kappelli żgħar, imwarrba fil-paessaġġ imma ċentrali fit-twemmin. Fittex u sab tweġiba għad-dubji tiegħu mhux qalb in-nies iżda "B'għod mill-bnedmin bis-semm li jbaqbaq f'demmhom/ b'għod mill-mibegħda u l-għira u l-qerq u l-ġenn." Saħansitra bogħod minn "dil-marda li jsejħulha mħabba". Dan it-ton pessimista la hu nebħ minn Leopardi jew mill-filosofija ta' Foscolo, imma hu aktar konstatazzjoni ta' realtà maħbuba ("Ħabbejt il-mewt u xtaqtha"). La hu xewqa lejn it-temma tal-ħajja u lanqas ħarba mir-realtà, imma aktar xenqa lejn dak li hu traxxendentali. It-tluq lejn is-sema hu għall-poeta f'tarf irdum ħdejn knisja mwarrba. Zewġ limiti qrib xulxin. L-irdum u l-għoli. Mal-lejl li jsir dawl li ma jintefa qatt.

Fil-fatt fi tmiem il-pellegrinaġġ tiegħu il-poeta jiġi wiċċ'imbwiċċ ma' l-akbar realtà: il-mewt, u bħar-Raħeb t'Aġġira (San Filep), jixtieq li l-ħin u l-post tal-mewt jagħżilhom hu. Hemm fil-Knisja ta' San Dimitri, kappella mwarrba fuq irdum ħdejn il-baħar. U mal-leħen tal-qanpeina bit-tokki ta' l-Imwiet il-poeta pellegrin iħobb l-aktar ħaġa ċerta daqskemm misterjuża: il-mewt. L-aħħar versi bħal donnhom għandhom mill-karba ta' San Pawl li kien iħossu lsir ta' ġismu li jbiegħdu mis-Sema, diwi ta' kliem-il ktieb tal-Għerf li jfisser il-ġisem li jagħlaq fit-tafal lill-ispirtu li jrid jimraħ 'il fuq.

U jitlob li

> "… l-ħalla
> Iġġorni magħha lejn l-għerien tas-skiet."

Tassew kapulavur hi din il-poema "L-Għanja tas-Seba' Niċeċ" ta' George Zammit. U tkun ħasra jekk kapulavur bħal dan jgħib mill-antgoloġiji u l-letteratura u l-memorja tagħna.

18.09.07